Kategoriji: Kollaborazzjoni
bejn Skola-Familja-Komunità

Edukazzjoni tal-Familja

SCIREARLY

Sett ta' għodod edukattivi

Prattiċi ta' tagħlim b'suċċess biex it-tfal kollha jirnexxu

SCIREARLY

Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta’ studenti fl-Ewropa b’nuqqas ta’ ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.

Rikonoxximent

L-awturi ta’ dan id-dokument u l-imsieħba ta’ dan il-proġett huma:
l-Universita’ ta’ Deusto, Spanja (Koordinatur tal-proġett)
KMOP – Ċentru għall-familja u l-kura tat-tfal, il-Greċja
Ministeru tal-Edukazzjoni, Xjenza u l-Innovazzjoni, il-Portugal
CESIE, l-Italja
l-Universita’ ta’ Dublin City, l-Irlanda
Red Barnet , Kollaborattiva ma’ MHPSS Collaborative, id-Danimarka
l-Universita’ ta’ Porto, il-Portugal
l-Universita’ ta’ Malta, Malta
L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ġenituri, il-Belġju
L-Universita’ ta’ Ħelsinki, il-Finlandja
L-Universita’ ta’ Newcastle Upon Tyne, ir-Renju Unit

© Copyright 2024

Dan ix-xogħol huwa liċenzjat taħt il-“Creative Commons Attribution 4.0 International License (CC BY-NC-SA 4.0).

Data tal pubblikazzjoni: 2024

Immaġini użati taħt il-liċenzja ta’ Shutterstock.com

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta’ Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta’ Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.

Kategoriji: Kollaborazzjoni bejn Skola-Familja-Komunità

Introduzzjoni

Dan is-sett ta’ għodod, “Prattiċi ta’ Tagħlim b’suċċess biex it-Tfal kollha jirnexxu,” huwa riżorsa prattika li turi kif jistgħu jinħolqu ambjenti ta’ tagħlim ta’ suċċess fil-klassijiet, skejjel, u komunitajiet. Dan jgħin lill-għalliema u l-Kapijiet tal-iskejjel jibnu spazji ta’ tagħlim effettiv li jappoġġjaw studenti u jwasslu biex l-istudenti li qed ibatu biex jitgħallmu, itejbu l-ħiliet bażiċi tagħhom, u jiżviluppaw il-ħiliet soċjali u emozzjonali tat-tfal. Dan is-sett ta’ għodda huwa bbażat fuq għoxrin każ ta’ studju minn disa’ pajjiżi Ewropej, li joffri strateġiji prattiċi li ħadmu fi skejjel fil-prattika.

Dawn il-każijiet ta’ studju ġejjin minn Skejjel Primarji u Sekondarji madwar l-Ewropa li għenu b’suċċess studenti li ma kellhomx suċċess u ipprevena t-tluq bikri mill-iskola. Ir-riċerka saret fi skejjel differenti madwar il-Portugal, l-Irlanda, il-Finlandja, id-Danimarka, Spanja, il-Greċja, l-Italja, ir-Renju Unit, u Malta. Minn dawn l-iskejjel, ġbarna prattiċi konkreti li jtejbu kemm it-tagħlim akkademiku kif ukoll l-iżvilupp soċjo-emozzjonali.

Is-sett ta’ għodda huwa organizzat madwar ħames oqsma ewlenin ta’ ambjenti ta’ tagħlim li huma ta’ suċċess:

- Pedagoġiji
- Interazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti
- Kollaborazzjoni bejn il-ħbieb
- Kollaborazzjoni bejn l-iSkola, il-Familja u l-Komunità
- Saħħa fiżika, mentali u benesseri soċjali u Appoġġ

Filwaqt li kull għodda hija klassifikata f’wieħed minn dawn l-oqsma, ħafna mill-għodod jaħdmu f’oqsma differenti. Pereżempju, il-”Gruppi Interattivi” mhux biss jgħinu lill-istudenti jaħdmu flimkien, iżda wkoll biex jingħaqdu mal-komunità, jappoġġja l-benesseri tagħhom, kif ukoll itejjeb ir-riżultati akkademiċi tagħhom.

Huwa importanti li wieħed jifhem li l-iskejjel l-aktar ta’ suċċess jużaw ħafna għodda flimkien. Filwaqt li kull għodda tista’ tgħin meta użata waħedha, l-aħjar riżultati jinkisbu minn ħidma fil-ħames oqsma fl-aspetti tal-iskola kollha. Nirrakomandawlkom li tħarsu lejn l-affarijiet tajbin attwali tal-iskola tiegħek u l-oqsma fejn hemm bżonn ta’ titjib biex jgħinkom tagħżlu l-aktar għodod utli għas-sitwazzjoni tal-iskola tagħkom.

Dan is-sett ta’ għodda huwa disponibbli fuq pjattaforma onlajn f’sebà lingwi: Spanjol, Portugiż, Ingliż, Finlandiż, Malti, Grieg u Taljan. L-għodda kollha ġew ippruvati u żviluppati bir-reqqa permezz ta’ ko-kreazzjoni dijaloġiku ma’ kważi elf parteċipant fil-proġett SCIREARLY, inkluż edukaturi fl-iskejjel, studenti, familji, u membri tal-komunità.

L-għan tagħna huwa li nagħtu lill-edukaturi u lill-komunitajiet l-għodda li għandhom bżonn biex jgħinu lil kull tifel u tifla jirnexxu fl-iskola. Qegħdin naqsmu dawn il-prattiċi ta’ suċċess minn ambjenti ta’ tagħlim differenti b’mod aċċessibbli, qed naħdmu biex noħolqu skejjel fejn it-tfal kollha jkunu jistgħu jirnexxu, irrispettivament mill-isfond tagħhom.

Glossarju

It-taqsima tal-glossarju hija essenzjali f’dan is-sett ta’ għodod għax tipprovdi definizzjonijiet ċari ta’ termini u kunċetti ewlenin li tiżgura li dawk kollha li jużawha, inklużi l-għalliema, il-kapijiet tal-iskejjel, l-esperti tal-edukazzjoni, dawk li jfasslu l-politika, u l-membri tal-komunità, jistgħu jifhmu bis-sħiħ u jimplimentaw b’mod effettiv il-prattiċi ta’ tagħlim b’suċċess.

Din it-taqsima tgħin biex tnaqqas kwalunkwe nuqqas ta’ ftehim fit-terminoloġija użati u tassigura ftehim konsistenti li tagħmilha aktar faċli li jiġu applikati sew dawn l-istrateġiji bbażati fuq l-evidenza u hekk iwasslu għal titjieb fir-riżultati edukattivi tal-istudenti.

Tagħlim Dijaloġiku

It-tagħlim Dijaloġiku jenfasizza djalogu u interazzjonijiet ta’ kwatlta’ bħala l-mezz primarju biex jintlaħaq ftehim, tagħlim u żvilupp. L’għan tat-tagħlim u l-fehem dijaloġiku huwa li jinħoloq ambjent fejn l-istudenti, l-għalliema u l-membri l-oħra kollha tal-komunità jimpenjaw ruħhom b’mod attiv fi djalogu sinifikanti u rispettuż. Dawn huma xi wħud mill-prinċipji ewlenin:

li jiġi jiżgurat li l-vuċijiet ta’ kulħadd ikunu stmati bl-istess mod, u li kulħadd ikollu l-opportunità biex jikkontribwixxi għad-djalogu. Dan jinkoraġġixxi perspettivi diversi u jiżgura li l-vuċijiet kollha jinstemgħu.

Ir-rikonoxximent tal-valur tal-isfond kulturali u l-esperjenzi tal-istudenti u l-għalliema kollha. Dan jgħin biex jinħoloq ambjent ta’ tagħlim aktar inklussiv.

Jassigura li l-interazzjonijiet dijaloġiċi fost l-istudenti, u bejn l-għalliem u l-istudent, u fi ħdan il-komunità jippromovu trasformazzjoni soċjo-kulturali u l-aħjar kundizzjonijiet għat-tagħlim u l-iżvilupp.

li jkun hemm ko-kostruzzjoni ta’ tifsira u fehim permezz ta’ djalogi bejn studenti u għalliema. Dan il-proċess kollaborattiv jgħin biex japproffondixxi l-komprensjoni u r-ritenzjoni ta’ informazzjoni.

Jibni sens ta’ komunità u appoġġ reċiproku fost l-istudenti u l-għalliema. Dan il-prinċipju jrawwem kollaborazzjoni u responsabbiltà kollettiva għat-tagħlim.

Jassigura rispett u għarfien ta’ differenzi fost l-istudenti u l-għalliema. Id-djalogu għandu jiċċelebra d-diversità u jużaha bħala riżorsa għat-tagħlim, jinkoraġġixxi l-ħsieb kritiku u jisfida lil kulħadd biex jaħseb fil-fond u jagħrbel suppożizzjonijiet.

Dimensjoni Emozzjonali

Tagħraf l-importanza ta’ relazzjonijiet ta’ kwalità fit-tagħlim. Prattiċi ta’ suċċess joħolqu ambjent ta’ appoġġ fejn l-istudenti u l-għalliema jħossuhom siguri, appoġġati u kunfidenti meta jesprimu l-emozzjonijiet u l-esperjenzi tagħhom.

Tagħlim Awtentiku

Jiżgura li d-djalogu u t-tagħlim huma rilevanti għall-esperjenzi u l-kuntesti tal-ħajja li jgħixu l-istudenti u l-għalliema. Dan jagħmel it-tagħlim aktar sinifikanti u applikabbli.

‘Translanguaging’

Meta persuna titkellem b’lingwa waħda filwaqt li persuna oħra twieġeb b’oħra.

Klassijiet ta’ Akkoljenza

Klassijiet fejn tfal b’lingwa materna oħra jkunu fi klassijiet speċjalizzati fejn jintuża t-‘translanguaging’ biex jgħin lit-tfal jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti - bil-ħsieb li t-tfal jidħlu fis-sistema edukattiva hekk kif jiksbu profiċjenza fil-lingwa tal-pajjiż.

Edukazzjoni tal-Familja

Ħarsa ġenerali

L-Edukazzjoni tal-Familja hija strateġija infurmata bir-riċerka għat-titjib tar-riżultati tal-istudenti permezz ta' sessjonijiet ta' taħriġ organizzati minn u għall-ġenituri u l-membri tal-komunita', li jsiru fl-iskola. Dawn is-sessjonijiet jindirizzaw il-ħtiġijiet reali tal-familji, bħal-litteriżmu, il-ħiliet lingwistiċi, jew it-tħejjija tal-eżamijiet universitarji għall-adulti. B'mod importanti, il-parteċipanti nfushom jiddeċiedu l-kontenut ibbażat fuq il-ħtiġijiet tal-komunita' tagħhom, u b'hekk irawmu sens ta' ownership u impenn. Fil-fatt, meta l-iskejjel u l-familji jikkollaboraw abbażi tal-prinċipji djaloġiċi, il-prestazzjoni tal-istudenti titjieb, u jissaħħu l-valuri bħas-solidarjeta', ir-rispett, u l-koeżistenza. Din l-għodda tipprovdi lill-għalliema b'qafas biex jorganizzaw u jimplimentaw programmi ta' Edukazzjoni tal-Familja, li jagħti s-setgħa lill-ġenituri u lill-membri Komunitarji biex isiru partijiet interessati ewlenin fis-suċċess edukattiv ta' wliedhom.

L-Edukazzjoni tal-Familja tittrasforma l-ġenituri u l-membri tal-familja minn sosteniturі passivi f'parteċipanti attivi fil-komunita' tal-iskola. Billi jinvolvuhom f'attivitajiet fil-klassi u inizjattivi usa' tal-iskola, l-iskejjel jistgħu joħolqu ambjent ta' tagħlim inklużiv li jrawwem kisbiet ogħla u jnaqqas it-tluq bikri mill-iskola.

L-għan primarju huwa li jiġu pprovduti opportunitajiet ta' taħriġ għall-membri tal-familja biex jiżviluppaw ħiliet bħal-litteriżmu, l-għarfien kulturali, l-użu tal-ICT, jew it-tagħlim tal-lingwi, imfassla skont l-interessi u l-ħtiġijiet tagħhom. Dawn l-attivitajiet mhux biss itejbu t-tkabbir personali u akkademiku tal-membri tal-familja iżda jżidu wkoll l-involviment tagħhom fl-iskola, billi jippromwovu ambjent ta' tagħlim kollaborattiv fejn l-istudenti, l-għalliema, u l-familji jaħdmu flimkien.

Billi jipparteċipaw f'dawn il-workshops, il-familji jiksbu għarfien akkademiku, jikkollaboraw fil-klassijiet ta' wliedhom, u jikkontribwixxu biex jinħoloq ambjent skolastiku inklussiv u mifrux għal kulħadd.

- **Udjenza fil-mira:** kwalunkwe membru tal-familja, mill-ġenituri san-nanniet, jista' jipparteċipa fil-programmi ta' taħriġ.
- **Post:** Skejjel (għalliema, studenti, ġenituri, u membri oħra tal-familja), spazji komunitarji (libreriji, ċentri soċjali).
- **Lingwi disponibbli:** Il-programm jippromwovi l-inklużjoni billi jappoġġja d-diversita lingwistika, jiżgura li l-familji kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw, irrispettivament mill-ostakli lingwistiċi.

Passi ta’ implimentazzjoni

Preparazzjoni:

Il-fażi ta’ preparazzjoni tibda bil-formazzjoni ta’ kumitat jew grupp fl-iskola, li jinkludi staff tal-iskola, ġenituri, u membri oħra tal-familja li jirrappreżentaw il-komunita’ edukattiva. Ladarba jitwaqqaf dan il-kumitat, jiġu organizzati laqgħat biex jiġu mistiedna l-familji kollha interessati. Matul dawn il-laqgħat, il-familji jiġu kkonsultati dwar il-ħtiġijiet u l-preferenzi tat-taħriġ tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat li l-kontribut tagħhom ikun ċentrali għall-proċess tal-ippjanar.

Abbażi ta’ dan ir-rispons, il-kumitat imexxi l-iżvilupp ta’ programmi ta’ taħriġ imfassla apposta. Dawn il-programmi jistgħu jitwasslu bl-użu tar-riżorsi tal-iskola, bħall-għalliema, il-klassijiet, u t-teknoloġija, jew bl-użu ta’ riżorsi esterni, inklużi libreriji muniċipali, ċentri Komunitarji, jew ħarrieġa esterni, skont x’jaqbel l-aktar mal-ħtiġijiet tal-familji.

2. Implimentazzjoni:

Wara li jorganizzaw is-sessjonijiet ta’ taħriġ, il-parteċipanti interessati kollha huma mistiedna jattendu. Il-kumitat jiżgura li kwalunkwe ostaklu potenzjali, bħad-differenzi fil-lingwa jew il-kunflitti fl-iskedar, jiġi indirizzat. Is-soluzzjonijiet jiġu żviluppati b’mod kollaborattiv u djaloġiku, filwaqt li jiġi żgurat li l-membri kollha tal-familja, irrispettivament mill-isfond jew miċ-ċirkostanzi tagħhom, ikunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fil-programm.

Monitoraġġ u evalwazzjoni:

Il-progress huwa ssorveljat fuq bażi kontinwa hekk kif il-membri tal-familja jżidu l-involviment u l-komunikazzjoni tagħhom mal-komunita’ tal-iskola. Din l-interazzjoni kontinwa tippermetti lill-kumitat jibqa’ infurmat dwar is-suċċess tat-taħriġ u kwalunkwe sfida li tista’ tinqala’. Jekk jinqalgħu ħtiġijiet jew diffikultajiet ġodda, il-kumitat jista’ jadatta l-programm kif xieraq. Ir-rispons mill-parteċipanti huwa imprezzabbli, kemm biex jingħelbu l-ostakli kif ukoll għall-ippjanar ta’ sessjonijiet ta’ taħriġ futuri li jirrispondu għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-komunita’ skolastika.

Eżempji u Studji ta’ każijiet:

Alicia hija mara Roma li t-tfal tagħha jattendu skola li tinsab fil-pajjiż Bask, f’waħda miż-żoni l-aktar fil-bżonn ta’ Bilbao. L-inħawi huma impenjati sew mal-iskola minn meta tiftaħ il-bibien tagħha u tistieden (u tagħti valur) lill-parteċipazzjoni tal-familji fl-attivitajiet tal-iskola. Il-parteċipazzjoni tagħhom tikkonsisti fl-iffaċilitar tal-interazzjonijiet bejn il-pari filwaqt li t-tfal isolvu kompitu jew attivita’ partikolari f’kollaborazzjoni mill-qrib u djalogu kostanti bejniethom. L-involviment ta’ Alicia fl-iskola beda permezz ta’ binha Elias, tifel Roma ta’ 8 snin li jattendi l-iskola, partikolarment attivitajiet ta’ qari u kitba. Minħabba l-entużjażmu ta’ Elias biex idaħħal lil ommu fil-klassi, Alicia tiġi tagħmel volontarjat kull meta tista’. Madankollu, l-involviment tagħha beda jġegħelha taħseb dwar kemm Elias qed javvanza sew fil-litteriżmu, u kemm tilfet il-ħin tagħha fl-iskola bħala tifla żgħira. L-iskola, b’kollaborazzjoni ma’ assoċjazzjoni ta’ nisa Roma li tinsab fil-komunita’, bdiet toffri spazji ta’ taħriġ għall-familja għal dawk il-MUMS, l-ommijiet jew familji li jistgħu jkunu interessati li jerġgħu jibdew il-mogħdijiet akkademiċi tagħhom. Minn hemm ’il quddiem, Alicia hija waħda minn dawk il-MUMS li qatt ma titlef is-sessjonijiet ta’ taħriġ tal-familja kull nhar ta’ Ħamis filgħodu, u għalkemm m’għadhiex dejjem disponibbli biex tagħmel volontarjat fil-klassi ta’ Elias, binha huwa tassew kburi b’ommu għax qed titgħallem bħalu.

Reżistenza inizjali: xi familji jistgħu joqogħdu lura milli jissieħbu fil-programmi. Biex dan jingħeleb, jiġi spjegat li t-taħriġ huwa mfassal biex jindirizza l-ħtiġijiet u l-interessi tagħhom, u huwa flessibbli ħafna.

Restrizzjonijiet ta’ ħin: ħafna drabi l-familji jkollhom ħin limitat. L-offerta ta’ skedi flessibbli tiżgura li aktar familji jkunu jistgħu jipparteċipaw.

Benefiċċji

Uħud mill-benefiċċji enfasizzati l-aktar ta’ spiss fl-istudji tal-każijiet analizzati jinkludu dan li ġej:

Tisħiħ tal-Familja: Il-familji jiksbu ħiliet prattiċi li jtejbu ħajjithom u jagħtu spinta lill-involviment tagħhom fl-iskola.

Parteċipazzjoni akbar: il-familji jsiru membri attivi tal-komunita’ tal-iskola, u jimpenjaw ruħhom regolarment mal-istaff u l-istudenti.

Relazzjonijiet imtejba bejn il-Familja u l-Iskola: Il-familji jiżviluppaw il-fiduċja u l-kunfidenza fl-iskola, filwaqt li jtejbu l-ambjent kollaborattiv.

L-istennijiet u l-motivazzjoni tal-familji: hekk kif il-familji jiksbu iktar għarfien, isiru iktar kapaċi li jinkuraġġixxu s-suċċess akkademiku t’uliedhom.

Prestazzjoni mtejba tal-istudenti: l-involviment tal-familja jwassal għal appoġġ aħjar għall-istudenti, li jirriżulta f’kisba akkademika ogħla u tagħlim aktar inklużiv.

“Meta t-tfal jaraw lil ommijiethom ġejjin l-iskola biex jitgħallmu, jagħrfu li l-edukazzjoni għandha valur intrinsiku. Issir xi ħaġa importanti, xi ħaġa li hija kruċjali. Dan joħloq spazju kondiviż fejn il-familji jipparteċipaw b’mod attiv fil-ħajja skolastika, u l-iskola, min-naħa tagħha, issir parti mill-ħajja familjari tagħhom.”

(Għalliem)

Suġġerimenti għas-suċċess

Tinżamm Komunikazzjoni miftuħa: jinżamm djalogu regolari bejn il-familji u l-personnel tal-iskola biex tinbena l-fiduċja u jiġi żgurat li l-programm jissodisfa l-ħtiġijiet ta’ kulħadd.

Joffru flessibbilta’: jipprovdu skedi u appoġġ varjati biex jakkomodaw l-impenji u l-ħtiġijiet ta’ ħin differenti tal-familji.

Naqbel mal-bżonnijiet tal-Familja: Agħmel is-sessjonijiet tat-taħriġ rilevanti għall-familji, billi tiffoka fuq il-ħiliet li jistgħu japplikaw kemm fil-ħajja personali kif ukoll fil-ħajja tal-familja tagħhom.

Stennija ta’ attendenza baxxa fil-bidu: il-familji għandhom mnejn jiddubitaw kemm huma kapaċi jirnexxu fit-taħriġ. Membri tal-personnel għandhom jenfasizzaw li s-sessjonijiet huma mfassla biex ikunu aċċessibbli u rilevanti, u jagħtu spinta lill-kunfidenza tagħhom biex jipparteċipaw.

Parteċipazzjoni baxxa: Il-familji jistgħu ma jirrikonoxxux il-valur tat-taħriġ għall-ewwel. Is-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tal-programm tista’ tgħinhom jimmotivaw ruħhom biex jinvolvu ruħhom minkejja d-dubbji tal-bidu.

Riżorsi addizzjonali

Family participation always matters (Video) https://www.youtube.com/watch?v=-62mK-WTt4Uo&list=PLWaUnF8ej6muMEXXbYyATUA9rQISF0op2&index=7&t=5s

Transforming Difficulties into Possibilities: Family Training as an Action for Educational Success in Contexts of Poverty.

Increasing educational expectations of Roma and Moroccan immigrant families in Spain through family education

Konklużjoni

L-Edukazzjoni tal-Familja tippermetti lill-familji jiksbu ħiliet ġodda, isiru mudelli ta’ rwol għal uliedhom, u jappoġġaw il-vjaġġ akkademiku tagħhom b’mod aktar effettiv. Hekk kif il-familji jsiru aktar involuti fl-edukazzjoni ta’ wliedhom, l-istudenti jmorru aħjar akkademikament, u l-komunita’ kollha tal-iskola tibbenefika minn ambjent aktar inklussiv u kollaborattiv.

L-għalliema huma mħeġġa jadattaw din l-għodda għall-kuntest uniku tal-iskola tagħhom. Bl-integrazzjoni tal-Edukazzjoni tal-Familja fil-kultura tal-iskola tagħhom, se jaraw titjib fit-tagħlim tal-istudenti, relazzjonijiet aħjar bejn il-familja u l-iskola, u suċċess ġenerali akbar tal-istudenti.

SCIREARLY

Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.